MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-23 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 3288/1996/1

**John Mifsud u martu Paola Mifsud**

***kontra***

**John Giordemaina u martu Rita Giordemaina**

**Il-Qorti :**

Rat ic-citazzjoni prezentata fil-21 ta` Novembru 1996 li taqra hekk –

*Peress illi l-attur huwa s-sid ta` proprjeta` fil-limiti tar-Rabat, maghrufa bhala tal-Ghamaira, indikata fis-Survey Sheet annessa (Dok. A) bin-numru hamsa, u dar fl-istess inhawi, indikat fl-istess dokument bin-numru 2, kif jirrizulta mill-kuntratt anness bhala Dok. B.*

*Peress illi l-konvenut ghandu dar f`sit attigwu ghall-proprjeta` tal-attur, u precizament fil-ponta ta` fuq tal-proprjeta` ndikata fl-istess Survey Sheet (Dok. A) bin-numru 1.*

*Peress illi l-Hadd, ghoxrin ta` Ottubru 1996, il-konvenut dahhal fis-sehh theddid maghmul in precedenza, u kisser il-hajt divizorju, indikat b`salib fid-Dok. A, li hemm bejn iz-zewg proprjetajiet indikati fid-Dok. A bin-numri (5), (1) u (2), bena cint fil-proprjeta` tal-attur, liema cint qieghed jillimita l-access u l-hrug tal-ilma tal-vetturi u qieghed jghaddi minn hemm minghajr id-dritt ta` access biex jaghmel dan.*

*Ighid ghalhekk il-konvenut ghaliex m`ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:*

*(a) Tiddikjara li l-konvenut ikkommetta spoll, meta fetah il-hajt divizorju, li jaghti ghall-proprjeta` tal-attur, fil-post imsejjah tal-Ghamaira fil-limiti tar-Rabat, Malta, u*

*(b) tikkundanna lill-konvenut jirripristina minnufih l-istess hajt divizorju, izarma c-cint mibni u jieqaf milli jghaddi minn hemm, bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-attur, il-lista tax-xhieda ndikati minnu u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjoni prezentata fis-27 ta` Gunju 1997 li taqra hekk –

*1. Illi, preliminarjament, in-nullita` tac-citazzjoni peress illi ma tikkontenix il-premessi u d-dikjarazzjonijiet kif mitluba mil-ligi stante li l-konvenut ircieva citazzjoni in bjank.*

*2. Illi, fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-proceduri huma nulli u minghajr effett fil-ligi stante li l-attur ghamel il-kawza minghajr martu bhala ko-attur u kontra l-konvenut wahdu u mhux flimkien ma` martu.*

*3. Illi, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jeccepixxi r-res judicata stante li l-kawza kienet deciza minn din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta fl-10 ta` Gunju 1994 fl-istess ismijiet (Citazz. 114/85FGC) u dan huwa biss tentattiv biex terga` tinstema` l-procedura mill-gdid.*

*4. Illi, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-istess attur fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tieghu (il-konvenut notifikat biss bid-dikjarazzjoni) ammetta li l-hajt divisorju kissru hu stess u ghalhekk ma jistax jifhem ghaliex saret din il-procedura.*

*5. Illi stante li l-konvenut mhux notifikat skond il-ligi bic-citazzjoni jirriserva li jaghmel eccezzjonijiet kif ukoll eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Fl-udjenza tas-26 ta` Novembru 1997 quddiem din il-Qorti diversament presjeduta, il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni tat-tielet eccezzjoni u cioe` dik tar-*res judicata*.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tas-16 ta` Marzu 1998 (fol 30) fejn, b`riferenza ghat-tieni eccezzjoni, laqghet it-talba tal-attur (kif dedotta fir-rikors tieghu tal-20 ta` Jannar 1998) ghall-korrezzjoni tal-occhio, tac-citazzjoni u tad-dikjarazzjoni.

Rat id-dokumenti li kienu esebiti mill-konvenuti ghall-fini tat-tielet eccezzjoni (fol 34 sa fol 49) u dawk esebiti mill-atturi ghall-istess skop (fol 51).

**Rat is-sentenza *in parte* ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghtija fl-udjenza tat-30 ta` Ottubru 1998 (fol55 sa fol ) fejn wara li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, cahdet l-eccezzjoni tar-*res judicata*, il-Qorti hatret lill-Av. Dr. Tonio Mallia u lill-Perit David Pace bhala periti gudizzjarji sabiex jirrelataw dwar it-talba tal-attur wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-konvenut.**

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tal-31 ta` Mejju 2002 (fol 69) fejn wara li l-Av. Dr. Tonio Mallia sar Imhallef, huwa kien sostitwit bhala perit legali mill-Av. Dr. Erroll Cutajar u nghata l-istess inkariku.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fis-7 ta` Marzu 2003 (fol 71) fejn, wara talba mill-Av. Dr. Erroll Cutajar, u ghar-ragunijiet indikati minnu, din il-Qorti diversament presjeduta ssostitwiet fl-inkariku bhala perit legali bl-Av. Dr. Audrey Demicoli.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-13 ta` April 2007 (fol 88) fejn wara li l-Av. Dr. Audrey Demicoli saret Magistrat, hija kienet sostitwita bhala perit legali mill-Av. Dr. Edward Zammit Lewis bl-istess inkariku.

Rat illi l-gbir tal-provi tal-partijiet sar kollu kemm hu quddiem il-periti gudizzjarji.

Rat ir-relazzjoni peritali (fol 123 sa fol 129) li kienet prezentata fil-25 ta` Novembru 2010 u mahlufa fl-udjenza tat-28 ta` April 2011.

Rat il-provi l-ohra li ngabru (fol 130 sa fol 186).

Rat id-domandi (fol 189) li ressqu l-konvenuti ghall-eskussjoni tal-periti.

Rat ir-risposti tal-periti gudizzjarji (fol 192).

Rat illi ma saret l-ebda talba mill-partijiet ghall-hatra ta` periti addizzjonali u lanqas sabiex isiru sottomissjonijiet finali bil-miktub.

Rat illi l-unici sottomissjonijiet tal-ahhar sar bil-fomm mill-konvenuti fl-udjenza tat-3 ta` Frar 2012.

Rat id-digriet taghha moghti f`dik l-udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghall-udjenza tal-lum.

Rat l-atti tal-kawza.

Rat illi ma hemm l-ebda ostakolu sabiex il-kawza tkun deciza llum.

**Ikkunsidrat :**

## II. **L-ewwel eccezzjoni**

Din l-eccezzjoni taqra hekk –

*Illi, preliminarjament, in-nullita` tac-citazzjoni peress illi ma tikkontenix il-premessi u d-dikjarazzjonijiet kif mitluba mil-ligi stante li l-konvenut ircieva citazzjoni in bjank.*

Ghalkemm, kif rajna, it-tieni u t-tielet eccezzjonijiet li ma jolqtux il-mertu tal-kwistjoni kienu sorvolati, qabel saret il-hatra tal-periti gudizzjarji sabiex jirrelataw dwar il-mertu, l-ewwel eccezzjoni li kienet senjalata mill-konvenuti bhala ta` natura preliminari baqghet irrisolta. Huwa ghalhekk illi din il-Qorti sejra tqis dik l-eccezzjoni qabel tghaddi ghall-konsiderazzjoni tal-mertu.

Din il-Qorti tghid fil-pront illi l-eccezzjoni kif dedotta kif infondata fid-dritt. Ghaliex jekk tassew il-konvenut kien notifikat bid-dikjarazzjoni guramentata biss u mhux ukoll bic-citazzjoni, dak jista` jfisser illi se mai in-notifika tal-konvenut kienet nulla. Pero` dak ma jfissirx li l-att promotorju kien null ghaliex kif jirrizulta bl-aktar mod car u univoku mill-atti akkwiziti jirrizulta illi l-attur ipprezenta c-citazzjoni, d-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti. Mela ssoddisfa l-vot tal-ligi. Jekk in-notifika kienet difettuza, hija kwistjoni ohra illi pero` din il-Qorti tghid bla diffikulta` illi kienet ininfluwenti ghad-difiza tal-konvenut fis-sens illi mhux biss ressaq id-difiza tieghu bla ma kien pregudikat izda matul l-iter twil tal-kawza mifrux fuq medda ta` snin, jidher car illi l-konvenut kien sodisfatt bi-difiza li ttenta *in limine litis* u ma ressaq l-ebda talba sabiex iressaq eccezzjonijiet ulterjuri.

Mela mhijiex fondata l-eccezzjoni preliminari kif dedotta. **<u>Ghalhekk qeghda tkun michuda</u>**.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Dritt</u>**

Din hija kawza ta' spoll.

Mill-bidu nett, din il-Qorti tghid li mill-partijiet ressqu bhala provi, hija se tiskarta dawk il-provi li johorgu mill-parametri tal-azzjoni ta' spoll tentata mill-atturi u tad-difiza li l-konvenuti ghamlu kontra dik l-azzjoni.

L-iskop ewlieni ta' azzjoni ta' din ix-xorta huwa radikat fuq esigenzi ta' utilita' socjali aktar milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, sabiex ikun imhares l-ordni pubbliku, sabiex jigi skansat id-dizordni civili, u sabiex jigi mpedut lic-cittadin privat li jiehu l-gustizzja b'idejh. Il-fini taghha huwa dak li jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat ("**<u>Fenech vs Zammit</u>"** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 12 ta' April 1958).

Ir-rekwisiti sabiex l-azzjoni tirnexxi huma tlieta –

1) Il-pussess (*possedisse*) li jinkludi anke semplici detenzjoni.

2) L-att spoljattiv jkun sar bil-mohbi jew kontra l-volonta' ta' l-attur (*spoliatum fuisse*).

3) L-azzjoni trid issir fi zmien xahrejn meta meta jkun sehh l-ispoll (*infra bimestre deduxisse*).

L-esami tal-Qorti ghandu jkun limitat ghall-fatt tal-pussess u tal-att spoljattiv. Ghalhekk il-konvenut ma jista' jaghti l-ebda eccezzjoni li mhix dilatorja qabel ma jkun rega' qieghed il-haga fl-istat li kienet qabel sar l-ispoll. Inoltre l-Qorti ma tistax tittratta eccezzjonijiet li huma ta' indolu petitorju.

Il-pussess mehtieg huwa dak materjali *de facto* ikun x'jkun **(Vol.XXXVII.II.642 u Vol.XXXVIII.I.280)** u mhix mehtiega l-prova li l-attur juri illi ghandu dritt ta' propjeta' jew ta' servitu' fuq il-haga li minnha huwa gie spoljat bi vjolenza inkella bil-mohbi tieghu. Anzi hemm ir-rekwisit tal-pussess anke meta l-ispoljat ikollu semplici detenzjoni. Il-prova li jrid jaghmel l-attur huwa ta' *possesso di fatto*, pussess li ma ghandux bzonn ikun ta' zmien twil izda jista' jkun qasir hafna u sahansitra tal-mument.

Ghall-fini tal-azzjoni odjerna, mhix ammissibbli ghall-konvenut id-difiza li ma kellux *animus spoliandi.* Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenzi taghha "**Buhagiar vs Farrugia"** (11 ta' Novembru 1997) "**Bonanno vs Bartolo et**" (5 ta' Ottubru 1998) u "**Azzopardi et vs Galea"** (26 ta' Jannar 2007) – " … *m'ghandux ragun fl-aggravju tieghu (l-appellant) rigwardanti l-allegat nuqqas ta' animus spoliandi. Fl-azzjoni de quo, u cioe' ta' spoll privileggat, l-aspett ta' animus spoliandi ma jidholx. Il-ligi taghna hija, a differenza ta' ligijiet ohra kontinentali, tali li tittutela l-pussess kontra kull spoll minghajr il-htiega tal-prova lil-ispoll ikun sar bl-intenzjoni specifika maghrufa bhala animus spoliandi.*"

Dwar il-mod kif ghandha ghandha tigi trattata kawza ta' din ix-xorta, il-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Cardona et vs Tabone"** deciza fid-9 ta' Marzu 1992 affermat li din l-indagni li trid taghmel il-Qorti trid tkun limitatissima, rigoruza u skarna ghaliex -

… (l-azzjoni ta' spoll) *hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci li ma thalli lil hadd jiddisturba stat ta' fatt,*

*arbitrarjament u hija ntiza unikament biex iggieghel lill-konvenut li jerga' jqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha, u daqshekk biss – kif ighid bl-aktar mod car l-Art.791(1) tal-Kapitolu 12, li, sfortunatament jigi hafna drabi injorat …*

**(ara wkoll <u>"Ripard et noe vs Fenech et"</u> deciza mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Mejju 2000 – Vol.LXXXIV.II.285).**

**Ironikament, u fl-istess waqt sfortunatament, mhux hekk gara fil-kawza tal-lum, ghax sabiex tkun deciza, din il-kawza se tkun hadet sittax (16)–il sena mid-data tal-presentata tac-citazzjoni.**

Sabiex jirrikorri l-element tal-fatt materjali tal-ispoll (<u>u cioe' t-tieni element</u>) mhux mehtieg li sabiex dan ikun vjolenti, ikun hemm *vis atrox* jew *vie di fatto* imma bizzejjed li jkun hemm **<u>nuqqas ta' kunsens espress jew tacitu ta' min isofri l-ispoll</u>**. Ghalhekk il-vjolenza m'hemmx bzonn li tkun materjali. (**<u>PA/AM – 26 ta' Jannar 1957 "Dimech vs Fenech et"</u>**)

Din is-sentenza tikkwota lil **<u>Belfiore</u>** li fuq l-iskorta tal-gurisprudenza Taljana jaghmel dawn il-konsiderazzjonijiet li huma applikabbli ghall-kaz taht esami –

***Non basta ad eliminare la violenza all'altrui volonta' <u>un semplice preavviso</u> ne' si puo' ritenere <u>la mancanza di risposta come adesione</u> ma' e' necessario il consenso, ammenocche' questo non si possa fondatamente desumere, non occorrendo che il permesso sia ad ogni modo espresso. Ma non si puo' ammettere il consenso solo perche' chi si duole della spoglio, essendo stato presente all'atto, non si sia opposto o non abbia protestato ; perche' se la presenza fa' venire meno la clandestinita', non puo' dirsi che non ricorra la vis per il fatto del contegno***

***passivo del possessore, giacche' piu' che interpretare il silenzio sempre come consenso, bisogna vedere se esso nel caso concreto suoni tale - non semper qui tacuit consentire videtur [Digesto Italiano, Reintegrazione (Azione di) p.20]***

Il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha **"Zahra vs Carabott"** deciza fit-2 ta' Dicembru 1955 wara li ssostni li sabiex jigi sodisfatt it-tieni rekwizit, ma hemmx bzonn ta' *vis atrox* u cioe' xi vjolenza fizika jew morali fuq il-persuna tal-possessur, imma bizzejjed il-vjolenza fuq il-haga, tkompli tafferma li dik il-vjolenza tavvera ruhha jekk l-opera spoljatrici tkun saret **kontra l-kunsens** tal-possessur.

**Ikkunsidrat :**

## IV. Sintesi tal-provi u kostatazzjonijiet peritali

Bhala punt tat-tluq, din il-Qorti tirrileva illi l-gbir tal-provi sar quddiem iz-zewg periti gudizzjarji : wiehed tekniku u l-iehor legali. Bhala fatt, il-periti hejjew zewg relazzjonijiet : wahda teknika u ohra legali. Fir-relazzjoni teknika, il-Perit David Pace ssofferma fuq l-aspetti teknici tal-kwistjoni waqt illi ghall-aspetti legali taghha, huwa llimita ruhu ghal riferenza ghar-relazzjoni legali.

Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel riferenza ghall-accertamenti tal-perit tekniku.

Fuq is-sit tal-kwistjoni bejn il-partijiet, il-perit tekniku ha zewg ritratti sabiex jissenjala l-aspett krucjali tal-vertenza. Ir-ritratti huma esebiti a fol 130.

Il-perit tekniku qal hekk –

*… mill-propjeta` tal-konvenut li tinsab delineata mill-hajt mibni bil-kantun gdid, hergin zewg cnut qosra, wahda fuq kull naha tal-entratura illi fassal b`mod illi certament dawn jinqalghu `l barra mill-propjeta` tieghu. Immaterjali ghalhekk jekk dina l-parti kenitx tal-attur inkella kenitx triq jibqa` zgur illi l-konvenut bena oltre l-limiti tieghu billi hareg `il barra mill-konfini tieghu bil-bini tac-cnut.*

Apparti li nstemghu x-xhieda tal-partijiet, il-perit tekniku qaghad fuq provi oggettivi bhal *survey sheets* u ritratti mill-ajru tal-MEPA li jmorru lura fs-snin. Dana sar sabiex jasal biex jistabilixxi *jekk kienx hemm xi forma ta` ftuh mill-propjeta` tal-konvenut ghal fuq l-art fejn hem mil-kwistjoni inkella jekk dina l-art kenitx fil-fatt tifforma parti mill-propjeta` tal-attur.*

Il-perit tekniku ma waqafx hemm izda *hejja superimposizzjoni tas-survey sheet* (Dok PT6) *fuq il-pjanta Dok A* (dik esebita mill-attur a fol 5 mac-citaazzjoni) u indika b`cirku ahmar fejn hemm l-inkrocju bejn it-triq u d-dahla ghall-art tal-attur.

Il-konkluzjoni tal-perit tekniku kienet fis-sens illi *l-allegazzjonijiet tal-attur gew ippruvati fis-sens illi l-art fejn sar l-izvilupp mill-konvenut hija propjeta` tieghu u li l-konvenut ma kellu l-ebda dritt illi jiftah bieb ghal fuqha wisq aktar jibni cnut go fiha.*

Din il-Qorti sejra tghaddi issa ghall-kostatazzjonijiet tal-perit legali.

Wara li rrefera ghall-elementi tal-azzjoni ta` spoll u ghall-gurisprudenza in materja, l-Av. Edward Zammit Lewis ghamel riferenza ghall-provi akkwiziti sabiex jistabilixxi l-fondatezza tal-attrici attrici wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet.

(Anke fil-kuntest ta` dak rilevat mill-perit tekniku) il-perit legali jghid hekk –

*… li l-kwistjoni dwar it-titolu tal-partijiet fuq il-parti tal-art mert ta` din il-kawza hija rrilevanti ghall-finijiet ta` din l-azzjoni. Li ghandha tinteressa l-Qorti ghal in il-kawza huwa jekk fil-fatt l-attur kellux il-pussess tal-parti tal-art in kwistjoni u jekk effettivament l-konvenut spoljax abbusivament l-pussess tal-attur.*

Il-perit legali kkostata illi l-konvenut nehha *fence* li kien qieghed iservi bhala linja divizorja bejn is-siti okkupati miz-zewg partijiet u bena hajt fejn l-attur kellu l-pussess.

In kwantu ghar-rekwizit tal-pussess, il-perit legali ghamel riferenza ghal estratti mid-deposizzjonijiet tal-attur u tal-konvenut. In partikolari, ghar-rigward tal-attur, il-perit legali ccita dik il-parti tax-xiehda tieghu fejn spjega fejn u kif tnehha l-*fence* u kif inbena l-hajt mill-konvenut. Ghar-rigward tal-konvenut, saret riferenza ghal fejn dan iddepona dwar l-access ghall-postijiet tal-partijiet. U kif l-attur wiegeb ghal dak mistqarr u pretiz mill-konvenut. Fuq dak li kkonstata, il-konkluzjoni tal-perit legali kienet illi kull ma sar mill-konvenut sar fejn l-attur kellu l-pussess materjali.

In kwantu ghar-rekwizit tal-vjolenza, il-perit legali sab li kellu ma sar mill-konvenut kien ad insaputa jew bil-mohbi tal-attur.

In kwantu ghat-terminu bimestrali biex issir l-azzjoni, ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni li l-azzjoni kienet prezentata fit-terminu tax-xaghrejn.

**Ikkunsidrat :**

## V. **Il-piz probatorju ta` l-kostatazzjonijiet peritali**

**Dak li sejjer jinghad ighodd ghal dak li kien kostatat mill-Perit David Pace fl-ambitu tal-inkariku illi kellu fil-kawza tal-lum.**

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"Calleja vs Mifsud"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett*

*tekniku tal-materja taht ezami* (“**<u>Grima vs Mamo et noe</u>”** **–** Qorti tal-Appell – 29 ta’ Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* (“**<u>Cauchi vs Mercieca</u>” –** Qorti tal-Appell – 6 ta’ Ottubru 1999 **; “<u>Saliba vs Farrugia</u>**” – Qorti tal-Appell – 28 ta’ Jannar 2000 u “**<u>Calleja *noe* vs Mifsud</u>**” – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta’ talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*” – (“**<u>Bugeja *et* vs Muscat et</u>” –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

**Ikkunsidrat :**

**VI. <u>Risultanzi</u>**

**i) <u>Generali</u>**

Ghaliex tikkostitwixxi prova oggettiva, relazzjoni peritali tincidi fuq il-konsiderazzjonijiet tal-Qorti, specjalment fil-kaz tal-lum, fejn jirrizulta bhala fatt li wara l-presentata u l-konferma tar-rapporti tal-periti, ma saret l-ebda talba ghall-hatra ta` periti addizzjonali.

Ghal dawk li huma konsiderazzjonijiet **strettament teknici**, din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti u l-konkluzjonijiet tal-Perit David Pace wara li ezaminat b`reqqa l-provi fil-kumpless taghhom. Il-kostatazzjonijiet teknici fis-sostanza u fil-gabra taghhom mhumiex kontradetti. Inoltre l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet teknici.

Fejn fir-relazzjoni teknika l-perit tekniku ttenta jittratta materji ta` xejra **legali** (senjatament il-paragrafu 13 fil-pagna 6 tar-relazzjoni a fol 128 tal-process) hemm il-kwistjoni ma tibqax fil-mansjoni tal-perit tekniku, izda taqa` kollha kemm hi fil-kompetenza ta` l-Qorti wara li tqis il-fehma tal-perit legali.

**ii) It-talbiet**

Din il-Qorti tghid li kull kaz ghandu jkun ezaminat fuq il-mertu u l-fattispece partikolari tieghu. Dan ighodd ukoll fejn tidhol l-applikazzjoni tal-principji tad-dritt kif mifhuma fid-dottrina u fil-gurisprudenza. B’hekk il-gudikant ikun f’qaghda li jsahhah il-konvinzjoni u l-konkluzjonijiet tieghu. Ic-certezza morali li fuqha l-gudikant ghandu jibni l-motivazzjoni tal-gudizzju tieghu trid issib il-gustifikazzjoni taghha fl-ewwel lok fl-assjem tal-provi, u fit-tieni lok fil-qafas tal-preponderanza tal-probabilitajiet. Min-naha tieghu il-konvenut huwa assistit mill-presunzjoni li mhux obbligat jaghmel il-prova negattiva. Ghalhekk din il-Qorti trid tara jekk l-attur issodisfax l-oneru tal-prova tal-legittimita’ u fondatezza tal-pretensjoni tieghu jew inkella kellhiex il-Qorti tapplika r-regola ta’ gudizzju li l-fatti allegati ma gewx sodisfacjentement provati.

Fil-kaz tal-lum, wara li gharblet il-provi akkwiziti, u qieset il-fehmiet tal-periti gudizzjarji, din il-Qorti hija pjenament sodisfatta li bl-agir tieghu, lamentat u deskritt mill-attur, mhux kontradett fis-sostanza mill-konvenut, u konstatat li sehh bhala fatt, il-konvenut ikkommetta spoll

fil-konfront tal-atturi. L-enfasi li pprova jaghmel il-konvenut fis-sens illi huwa agixxa kif agixxa ghax kellu jedd hija nsostenibbli f`kawza ta` din ix-xorta ghaliex *ghall-"actio spolii", l-ispoljant ma jistax jirrispondi "in difesa" li dak li ghamel kien att legittimu ghaliex l-indagni tal-legittimita' jew le hija riservata ghall-gudizzju petitorju* (**"Agius et vs Agius" – Qorti tal-Appell – 2 ta' Novembru 1994 – Vol.LXXVIII.II.319**). U in aggunta din il-Qorti tghid illi l-indagni fil-petitorju ma tistax issir qabel mal-konvenut inehhi l-ispoll u jirreintegra lill-atturi fil-pussess illi minnu dawn tal-ahhar kienu spoljati.

Dwar il-fehma espressa mill-perit legali (li allura jaghmel riferenza ghaliha l-perit tekniku fir-relazzjoni tieghu) dwar kif ghandhom jitqiesu t-talbiet attrici, din il-Qorti, filwaqt illi sejra tilqa` l-ewwel talba kif inhi, hija sejra wkoll tilqa` t-tieni talba pero` bil-mod kif kienet proposta, u allura mhux bil-varjant estiz introdott mill-perit legali (ara l-paragrafu numerat 2 fil-pagna 12 tar-relazzjoni tieghu a fol 151 tal-process) ghaliex bl-akkoljiment tal-varjant kif propost mill-perit legali, din il-Qorti tkun qeghda tmur *ultra petita.*

**Decide**

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda tiddeciedi hekk -**

**Tichad l-ewwel eccezzjoni.**

**Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet eccezzjoni.**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha fil-mertu.**

**Tilqa` l-ewwel talba.**

**Tilqa` t-tieni talba u tikkundanna lill-konvenuti sabiex, fi xahrejn mil-lum, u ghas-spejjez taghhom, jirripristinaw il-hajt divizorju in kwistjoni ghall-istat u ghall-qaghda illi kien qabel sar l-ispoll, inehhu c-cint illi bnew u ma jibqghux ighaddu fejn sar l-ispoll, u dan taht is-supervizjoni tal-Perit David Pace illi qieghed jigi mahtur minn din il-Qorti ghal dan l-iskop.**

**Tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu l-ispejjes kollha ta' din il-kawza.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------